MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Avviz Numru. 1329/2000/1

**Sebastian Duca**

**Vs**

**Anthony Ferriggi**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat minn Sebastian Duca fis-26 ta' Settembru 2000 permezz ta' liema jitlob li Anthony Ferriggi jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' erba' mija tnejn u sebghin Lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm472.33), illum ekwivalenti ghal elf u mitt Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,100.23), rapprezentanti prezz ta' tiles u oggetti ohra mibjugha u kkonsenjati lil Anthony Ferriggi u slef *brevi manu*, kif jirrizulta minn *statement* anness ma' l-istess Avviz u markat Dok. “A”, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha kontra Anthony Ferriggi;

Rat id-dokument immarkat Dok. “A”, anness ma’ l-Avviz promotur[1];

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Ferriggi permezz ta’ liema jeccepixxi li: (i) it-talba attrici hija preskritta bid-dekors ta’ tmintax-il xahar mid-data tal-bejgh u konsenja tal-materjal skond l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u li (ii) subordinatament u bla pregudizzju, l-ammont pretiz mill-attur ma huwiex dovut;

Semghet ix-xhieda ta’ Paul Tabone moghtija waqt is-seduta tal-1 ta’ Frar 2002[2], ix-xhieda ta’ Sebastian Duca moghtija waqt is-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2002[3] u semghet ix-xhieda ta’ Anthony Ferriggi moghtija waqt is-seduta tat-30 ta’ Settembru 2003[4];

Rat id-dokumenti markati Dok. “SD1” u Dok. “SD2” esebiti mill-attur permezz ta’ Nota pprezentata fit-30 ta’ Settembru 2003, a fol. 26 sa’ 28 tal-process;

Rat is-sentenza preliminari moghtija fis-6 ta’ April 2005, li biha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut[5];

Rat in-Nota ta’ Riduzzjoni pprezentata mill-attur waqt is-seduta tat-18 ta’ Frar 2013[6], li biha rriduca t-talba attrici ghas-somma ta’ erba’ mitt Euro (€400) u dan biss fir-rigward tas-sorte u ghalhekk zamm fermi t-talbiet tieghu ghall-imghaxijiet, id-drittijiet u l-ispejjez;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta’ Lm472.33, illum ekwivalenti ghal €1,100.23, rapprezentanti prezz ta’ tiles u oggetti ohra

---

1 Fol. 2 tal-process.
2 Fol. 12 sa’ 14 tal-process.
3 Fol. 17 sa’ 19 tal-process.
4 Fol. 22 sa’ 25 tal-process.
5 Fol. 35 sa’ 38 tal-process.
6 Fol. 72 tal-process.

mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut, kif ukoll self *brevi manu* moghti lill-istess konvenut.

Il-konvenut laqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar ai termini ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-eccezzjoni fil-mertu li l-ammont pretiz mhux dovut lill-attur.

L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta giet trattata u michuda b'decizjoni preliminari moghtija fis-6 ta' April 2005 u wara dik is-sentenza l-konvenut beda jhallas lill-attur l-ammont mertu ta' dawn il-proceduri. Bhala fatt u in segwitu ghal diversi pagamenti effettwati, l-attur – permezz ta' Nota ta' Riduzzjoni pprezentata fit-18 ta' Frar 2013 – irriduca s-sorte ghal €400, ekwivalenti ghal Lm171.72, u zamm fermi l-kap ta' l-imghaxijiet u l-ispejjez elgali. L-attur ghalhekk illum qed jippretendi hlas minghand il-konvenut tal-bilanc ta' €400, flimkien ma' l-imghax u l-ispejjez giudizzjarji.

Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, u anke fid-dawl tal-fatt li l-konvenut mhux talli ma ressaqx provi fil-mertu talli effettivament beda jhallas lill-attur, il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn ma ghandhiex tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' €400.

Ghal dan ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba tal-attur kif ridotta u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' €400.00, bl-imghax legali dekoribbli mit-18 ta' Frar 2013 (id-data tal-prezentata tan-Nota ta' Riduzzjoni) sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------